**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Novembru 2022**

**Rikors nru: 83/2022 AGV;**

**SP f'isimha proprju u f'isem binha minuri**
**TP** li twieled fil-ħmistax (15) t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019)

**vs**

**FF**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat ta'  SP  datat 21 ta' April 2021;**

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma li taf di xjenza proprio:

1. Illi fil-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-attriċi welldet tifel minuri bl-isem ta' T u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 2556/2019 hawn anness u mmarkat **Dok A**.

2. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri jirriżulta illi meta l-esponenti rreġistrat lil binha, hija rreġistrat lil binha fuq missier li sa dakinhar ma kienx magħruf.

3. Illi l-esponenti taf illi missier il-minuri   T huwa l-konvenut  FF.

4. Illi l-konvenut qatt ma ried jirrikonoxxi lil ibnu u qatt ma mantnieh.

5. Illi minkejja illi l-konvenut ġie notifikat b'ittra uffiċjali sabiex jirrikonoxxi lil ibnu, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata **Dok B**, l-intimat baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

6. Illi l-attriċi tixtieq illi tiġi stabbilita l-paternità ta' binha wkoll permezz ta' fatti bħal testijiet ġenetiċi.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet fuq imsemmija:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut  FF  huwa l-missier naturali tal-minuri T.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri **TP** (Att numru 2556/2019) billi fil-kolonna intestata: 'isem u kunjom missier it-tarbija' jigi jaqra **FF;** u torda wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identità, ghall-età, għall-post tat-twelid u ta' residenza u għall-isem u kunjom il-missier jekk hux ħaj jew mejjet, in kwantu jirreferu għall-missier il-minuri, jiġu indikati konsegwentement billi jiġu indikati dawk il-partikolaritajiet u ċioè taħt il-kolonna 'id-dokument tal-identità jiġi jaqra **242688(M),** taħt il-kolonna età jiġi jaqra **31**; taħt il-kolonna 'twieled' jiġi jaqra **Malta,** taħt il-kolonna 'joqgħod' jiġi jaqra **G'Mangia** u taħt il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet' jigi jaqra **F (ħaj)**.

3. Tordna illi l-kunjom tal-minuri jiġi jaqra F.

**Bl-ispejjeż inkluż l-ittra uffiċjali bin-numru 11/2022, u bil-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni.**

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' FF datat 2 ta' Gunju 2022;**

**Jeccepixxi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma li jaf personalment:**

1. Fil-mertu, l-eccepjent ma joggezzjonax ghat-talbiet attrici. Fil-fatt, huwa qatt ma oggezzjona ghat-talba li huwa jigi formalment rikonoxxut bhala missier il-minuri TP , b'dana pero' li huwa dejjem xtaq, ghas-serhan tal-mohh tal-

partijiet kollha involuti, li jsir test xjentifiku li jikkonferma li l-istess minuri huwa l-wild naturali tieghu.

2. F'kull kaz, huwa qieghed joggezzjona bis-sahha ghad-dikjarazzjoni mahlufa li ghamlet ir-rikorrenti SP fir-raba' premessa taghha meta tghid li huwa "*qatt ma mantnieh*". Din id-dikjarazzjoni hija wahda inveritiera tant li l-esponent mhux biss ihallas is-somma ta' €250 fix-xahar b'mod regolari in linea ta' manteniment ghall-istess minuri, izda sahansitra xtara diversi oggetti meta twieled il-minuri, konsistenti f'eluf ta' Euro, oltre effetti ohra ghall-minuri, kemm minn jeddu, kif ukoll dawk li jigi mitlub jixtri mir-rikorrenti P . Barra minn hekk, l-istess esponent ipprovda akkomodazzjoni b'xejn ghal sena shiha lir-rikorrenti P u lill-minuri TP

3. L-eccepjenti jipprotesta ruhu ghall-ispejjez ta' din il-procedura in kwantu huwa qatt ma oggezzjona li, diment li jsir it-test xjentifiku appositu, jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali tal-minuri TP . Fil-fatt, kienet proprju r-rikorrenti SP li, ghal ragunijiet li tafhom hi, ma riditx taqleb it-tifel fuq isem l-esponent ghal dawn l-ahhar snin u kien biss recentement li hija bdiet tinsisti li l-esponent jirrikonoxxi lill-minuri. F'dak l-istadju l-esponent kien talab li jsir test xjentifiku u sahansitra pprenota appuntament fl-Isptar St James. Minkejja dan, ir-rikorrenti ma marritx ghal dan l-appuntament.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.
Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-partijiet huma l-ġenituri tal-minuri TP , li twieled fil-15 ta' Ottubru 2019, tlitt snin ilu, minn relazzjoni illi kellhom. Li l-konvenut huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri jirrisulta mit-test tad-DNA esebit fl-atti mill-attriċi. Il-minuri kien irreġistrat bħala "missier mhux magħruf" fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, u għalhekk l-omm issa trid li l-missier jitniżżel fl-istess ċertifikat. Għalhekk saret din il-kawża. Il-Qorti tawgura li ż-żewġ ġenituri jippartecipaw b'mod attiv fil-ħajja tal-minuri, għall-iżvilupp psikoloġiku tiegħu, mingħajr nuqqas ta' qbil bejniethom. Dan qed jingħad peress illi anke f'sempliċi kawża bħal din, fejn test xjentifiku bħal dak ta' DNA, li diffiċilment wieħed jista' jikkontestah b'mod loġiku u validu, il-partijiet wrew nuqqas gravi ta' kooperazzjoni bejniethom. Hija ħasra li t-tifel ser ikollu jitrabba f'ambjent fejn ommu u missieru ma jiftehemux bejniethom anke għal affarijiet bażiċi u sempliċi. Il-partijiet għandhom ikunu maturi u responsabbli biżżejjed biex jwarrbu d-differenzi ta' bejniethom u jfittxu l-interessi tat-tifel, għall-ġid tal-minuri stess.

Fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2022, il-partijiet kienu ftehemu li ser jaqsmu l-ispejjeż tat-test ġenetiku tad-DNA. Għalhekk il-konvenut intrabat li jħallas lill-attriċi sehemu tal-ispejjeż, ammontanti għal €225 Ewro. Huma talbu li l-kawża titħalla għas-sentenza, u din tibqa' bla taxxa bejniethom. Il-Qorti tawgura li dan il-pass ikun l-ewwel wieħed li jwassal għal inqas diżgwid bejniethom, u forsi jkun hemm aktar kooperazzjoni, dejjem għall-ġid tal-minuri.

**DEĊIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Tilqa' t-talbiet attrici.

1. Tiddikjara illi l-konvenut FF huwa l-missier naturali tal-minuri T.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri **TP** (Att numru 2556/2019) billi fil-kolonna intestata: 'isem u kunjom missier it-tarbija' jigi jaqra **FF** ; u torda wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identità, ghall-età, għall-post tat-twelid u ta' residenza u għall-isem u kunjom il-missier jekk hux ħaj jew mejjet, in kwantu jirreferu għall-missier il-minuri, jiġu indikati konsegwentement billi jiġu indikati dawk il-partikolaritajiet u ċioè taħt il-kolonna 'id-dokument tal-identità jiġi jaqra **242688(M),** taħt il-kolonna età jiġi jaqra **31**; taħt il-kolonna 'twieled' jiġi jaqra **Malta,** taħt il-kolonna 'joqgħod' jiġi jaqra **G'Mangia** u taħt il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet' jigi jaqra **F (ħaj)**.

3. Tordna illi l-kunjom tal-minuri jiġi jaqra F.

**Bi ftehim bejn il-partijiet, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa.**

**Imhallef**
**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci- Dep Reg**